IS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

Din l-iskeda informattiva tiddeskrivi l-qafas tal-UE għas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili, filwaqt li tispjega l-iżvilupp ta' regoli komuni tas-sikurezza, ir-rwol tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA), u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali. Tenfasizza wkoll mekkaniżmi ewlenin għall-monitoraġġ u l-infurzar tal-istandards tas-sikurezza, il-kooperazzjoni internazzjonali u inizjattivi reċenti bħall-Ajru Uniku Ewropew u l-istrateġija tal-UE dwar id-droni.

IL-BAŻI LEGALI

— L-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jippermetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxu regoli għat-trasport bil-baħar u bl-ajru.

L-OBJETTIVI TAL-POLITIKA TAL-UE DWAR IS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

Fis-snin 1990 inħoloq suq uniku għall-avjazzjoni, li neħħa r-restrizzjonijiet kummerċjali għal-linji tal-ajru li jtiru fl-UE (ara 3.4.6). Dan il-ftuħ tas-suq tal-avjazzjoni kien jeħtieġ regoli komuni dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni, biex jiġu żgurati standards uniformi u għoljin ta' sikurezza għall-passiġġieri u għall-ekwipaġġ fl-Istati Membri kollha tal-UE (ara wkoll 3.4.7).

L-IŻVILUPP TA' REGOLI TAL-UE DWAR IS-SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

Globalment, l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO)[1] tistabbilixxi standards minimi tas-sikurezza tal-avjazzjoni. Madankollu, dawn mhumiex obbligatorji, u b'hekk il-konformità tiddependi fuq ir-rieda tal-Istati membri tal-ICAO.

Il-ħolqien ta' suq uniku Ewropew tal-avjazzjoni jiżgura li l-passiġġieri kollha jibbenefikaw mill-istess livell għoli ta' sikurezza, irrispettivament mid-destinazzjoni tagħhom fl-UE. B'riżultat ta' dan, ir-regoli nazzjonali ġew sostitwiti b'regoli komuni vinkolanti tal-UE. Bl-istess mod, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u l-korpi ta' kooperazzjoni volontarja, b'mod partikolari, dawk li qabel kienu l-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni (JAA)[2], ġew sostitwiti b'mekkaniżmu fil-livell tal-UE li jgħaqqad flimkien lill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni ċivili, lill-Kummissjoni Ewropea u

[1]L-ICAO hija aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti, stabbilita skont il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ta' Diċembru 1944 (magħrufa wkoll bħala "l-Konvenzjoni ta' Chicago"), li llum għandha 193 pajjiż aderenti magħha. L-ICAO tadotta l-istandards u l-prattiki rakkomandati għall-istati membri tagħha, iżda ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu vinkolanti biex jiġi żgurat li huma rrispettati.

[2]L-Awtoritajiet Konġunti tal-Avjazzjoni (JAA) kienu korp informali stabbilit biex jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet regolatorji tal-avjazzjoni ċivili tal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE u tal-pajjiżi mhux tal-UE. Żviluppaw ukoll standards u proċeduri ta' sikurezza, li kull Stat parti jista' japplika fid-diskrezzjoni tiegħu. Il-JAA, li fl-aqwa tagħhom kellhom 43 pajjiż membru u operaw mill-1970 (is-sena tat-tnedija tal-Airbus) sal-2009, saru obsoleti għall-Istati Membri tal-UE minħabba l-adozzjoni ta' regoli komuni vinkolanti u direttament applikabbli dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili.

lill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA)[3]. L-EASA ilha mill-2003 tiżviluppa dispożizzjonijiet regolatorji fil-qasam, li jipprovdu pedament għall-proposti tal-Kummissjoni għal atti leġiżlattivi. Il-Kummissjoni, l-EASA u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jissorveljaw b'mod reċiproku l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli fi ħdan l-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom.

Ir-regoli komuni dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili huma bbażati fuq l-istandards u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-ICAO, iżda dawn għandhom it-tendenza li jkunu aktar stretti. Dawn ġew estiżi gradwalment biex ikopru s-settur kollu tat-trasport bl-ajru, filwaqt li jiżguraw livell uniformi u għoli ta' sikurezza fis-suq kollu tal-avjazzjoni tal-UE.

Mill-1994, il-prinċipji tal-ICAO relatati mal-investigazzjoni tal-aċċidenti tal-avjazzjoni ċivili huma parti mil-liġi tal-UE (id-Direttiva 94/56/KEE, sostitwita bir-Regolament (UE) Nru 996/2010). L-investigazzjonijiet iridu jkunu kompletament indipendenti u jiffokaw biss fuq id-determinazzjoni tal-kawżi tal-aċċidenti u l-prevenzjoni ta' aċċidenti futuri, mingħajr ma jassenjaw ir-responsabbiltà. L-istess loġika preventiva u mhux punittiva tirfed ir-regoli dwar ir-rappurtar tal-okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili (id-Direttiva 2003/42/KE dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili u r-Regolament (KE) Nru 1321/2007 dwar l-integrazzjoni ta' tagħrif dwar okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili f'depożitu ċentrali u r-Regolament (KE) Nru 1330/2007 dwar tqassim ta' tagħrif dwar l-okkorrenzi tal-avjazzjoni ċivili). Dawk ir-regoli ġew sostitwiti fl-2014 b'regolament dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili. Mill-2005, kwalunkwe problema identifikata fi ħdan is-sistema tat-trasport bl-ajru trid tiġi ddikjarata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li sussegwentement jirrapportawha lill-EASA, b'rapporti rilevanti jinżammu u jitqassmu għall-finijiet ta' analiżi.

Mill-2003[4], ir-regoli komuni jirregolaw ukoll l-ajrunavigabbiltà, li tinkludi d-disinn, il-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru. Fl-2008, ir-regoli twessgħu biex jinkludu l-operazzjonijiet tal-ajru u t-taħriġ tal-ekwipaġġ tal-ajru, filwaqt li jiddefinixxu l-proċeduri għall-operat tal-inġenji tal-ajru. Fl-2009, ir-regoli ġew estiżi aktar biex ikopru s-sikurezza tal-operazzjonijiet fl-ajruporti, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u l-forniment ta' servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru. Dawn ir-regoli kollha japplikaw bl-istess mod kemm għall-inġenji tal-ajru u l-parts tagħhom kif ukoll għall-organizzazzjonijiet u l-persunal involuti fid-disinn, il-kostruzzjoni, il-manutenzjoni u l-operat tagħhom, inklużi l-inġenji tal-ajru u t-trasportaturi tal-ajru ta' pajjiżi mhux tal-UE li huma attivi fl-UE.

Fl-2015, il-Kummissjoni pproponiet it-tisħiħ tar-regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili biex jitqiesu, pereżempju l-iżvilupp tal-inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (droni) u l-interdipendenza bejn is-sikurezza tal-avjazzjoni u oqsma oħra bħalma huma s-sigurtà u l-protezzjoni tal-ambjent. Il-proposta estendiet il-kompetenza tal-EASA f'oqsma bħas-sigurtà (inkluża ċ-ċibersigurtà) u l-ambjent. Issuġġeriet ukoll xi tibdil fl-istruttura tal-EASA, pereżempju l-ħolqien ta' Bord Eżekuttiv biex jassisti lill-Bord

[3]Ir-regolamenti tekniċi jew il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru huma żviluppati wkoll mill-Eurocontrol u minn korpi oħra ta' standardizzazzjoni bħall-EUROCAE, filwaqt li l-Eurocontrol tittratta parzjalment l-implimentazzjoni. L-espansjoni tar-regoli komuni dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni u tal-kompetenzi tal-EASA f'dawn l-oqsma ċċarat ir-rwoli: l-EASA hija responsabbli għat-tfassil tar-regolamenti tekniċi filwaqt li l-Eurocontrol twettaq kompiti operattivi relatati mal-"Ajru Uniku Ewropew" (ara 3.4.8).

[4]Fl-1991, ir-Regolament (KE) Nru 3922/91 kiseb armonizzazzjoni minima tar-rekwiżiti tekniċi bl-użu tal-arranġamenti mirbuħa mill-JAA.

ta' Tmexxija u lid-Direttur Eżekuttiv. Punt importanti huwa li żewġ sorsi addizzjonali ta' dħul ġew proposti mill-EASA: għotjiet u imposti tan-navigazzjoni tal-ajru għal kompiti relatati mal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Diskussjonijiet estensivi dwar din il-proposta bejn il-Parlament u l-Kunsill wasslu għall-adozzjoni tar-Regolament Bażiku tal-EASA fl-2008. Ir-Regolament Bażiku tal-EASA ġie aġġornat ulterjorment fl-2018 bl-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar id-droni u ċ-ċibersigurtà u l-espansjoni tar-responsabbiltajiet tal-EASA.

Il-programm SAFA (Safety Assessment of Foreign Aircraft) (Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin), li ġie varat fl-1996 mill-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC)[5], kellu l-għan li jarmonizza l-ispezzjonijiet tal-inġenji tal-ajru barranin (kemm Ewropej kif ukoll mhux Ewropej) fl-ajruporti tal-Istati membri tal-ICAO, sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti minimi ta' sikurezza[6]. Mill-2006, id-Direttiva dwar is-SAFA, li aktar tard ġiet sostitwita bir-Regolament Bażiku tal-EASA tal-2008, għamlet il-programm SAFA obbligatorju għall-Istati Membri tal-UE. L-inġenji tal-ajru tal-pajjiżi tal-EASA ilhom mill-2014 jiġu soġġetti għal spezzjonijiet abbażi tal-istandards tal-aġenzija, li jistgħu jkunu aktar restrittivi, u għall-ispezzjonijiet SACA (Safety Assessment of Community Aircraft) (Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Komunitarji) li huma rregolati bir-regolament dwar rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru. L-EASA iżżomm reġistru ċentralizzat tar-rapporti tal-ispezzjonijiet. In-nuqqasijiet identifikati jistgħu jirriżultaw f'restrizzjonijiet operattivi u fl-aħħar mill-aħħar fi tniżżil tat-trasportaturi tal-ajru fuq lista sewda, u b'hekk effettivament jiġu pprojbiti mill-ajruporti tal-UE għal raġunijiet ta' sikurezza. Il-lista s-sewda ġiet introdotta fl-2005 b'regolament dwar l-istabbiliment ta' lista ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat. Din tiġi aġġornata regolarment, permezz tal-leġiżlazzjoni li temenda r-Regolament dwar kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-operat, u ppubblikata sabiex il-passiġġieri, il-bejjiegħa tal-biljetti tal-ajru u l-awtoritajiet kompetenti jinżammu infurmati.

Barra minn hekk, minn Novembru 2016, l-operaturi kollha mhux tal-UE li jixtiequ joperaw titjiriet lejn l-UE jridu jagħtu prova li jikkonformaw mal-istandards tas-sikurezza tal-ICAO. Din il-prova tieħu l-forma ta' awtorizzazzjoni maħruġa mill-EASA, kif stabbilit minn regolament dwar l-operazzjonijiet tal-ajru ta' operaturi mhux tal-UE.

Il-kontenut tal-lista s-sewda juri l-ħtieġa li tittejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili f'ċerti reġjuni tad-dinja. Biex tindirizza dan, l-UE tikkollabora mal-ICAO u tipprovdi appoġġ lill-pajjiżi li qed jiffaċċjaw diffikultajiet biex jistabbilixxu sistemi effettivi tas-sikurezza tal-ajru. Dan wassal għall-ħolqien tal-Ftehim dwar iż-Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea (ECAA) fl-2006, biex il-ġirien tal-UE fix-Xlokk tal-Ewropa (l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro, is-Serbja u l-Kosovo), kif ukoll in-Norveġja u l-Iżlanda, jiġu integrati fis-suq intern tal-avjazzjoni tal-UE. L-ECAA tejbet b'mod sinifikanti l-konnettività.

[5]Il-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC), li hija grupp informali ta' 44 awtorità Ewropea tal-avjazzjoni ċivili, tiffaċilita l-armonizzazzjoni tal-politiki u l-prattika, kif ukoll ir-relazzjonijiet internazzjonali, għalkemm ma għandhiex setgħat regolatorji.
[6]Ir-rekwiżiti huma stabbiliti fl-Annessi 1 ("Liċenzjar tal-Persunal"), 6 ("Operat tal-Inġenji tal-Ajru") u 8 ("L-Ajrunavigabbiltà tal-Inġenji tal-Ajru") tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

L-Iżvizzera mhijiex parti mill-ftehim tal-ECAA iżda għandha l-ftehim mal-UE għaliha dwar l-avjazzjoni, jiġifieri l-Ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, li jintegra lill-Iżvizzera fis-suq intern tat-trasport bl-ajru tal-UE.

L-UE ffirmat ukoll il-ftehimiet dwar l-avjazzjoni li ġejjin, biex tipprovdi qafas regolatorju għal diversi oqsma, inklużi standards għoljin ta' sigurtà, is-salvagwardja tad-drittijiet tal-passiġġieri, u l-kompetizzjoni:

— ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni mal-Marokk (2006);

— ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni mal-Ġordan (2012);

— ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni mal-Iżrael (2013).

Biex issaħħaħ ir-relazzjonijiet tal-avjazzjoni mal-pajjiżi tal-viċinat tal-Lvant, l-UE ffirmat ftehimiet bl-għan li tapprofondixxi l-kooperazzjoni ekonomika, regolatorja u istituzzjonali:

— ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni mal-Ġeorġja (2010);

— ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni mal-Moldova (2012);

— ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni mal-Armenja (2021 – li għad irid jiġi ratifikat).

Il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza tal-ajru għandha wkoll l-għan li tiffaċilita l-kummerċ fil-prodotti u s-servizzi, li jista' jiġi mxekkel mid-differenzi fl-istandards tekniċi nazzjonali. Għalhekk l-UE kkonkludiet ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku dwar il-livelli ta' sikurezza mas-sħab prinċipali tagħha fl-avjazzjoni – l-Istati Uniti, il-Kanada u l-Brażil. L-EASA, min-naħa tagħha, ikkonkludiet arranġamenti ta' ħidma għal proġetti speċifiċi ma' sħab industrijali minn pajjiżi li mhumiex parti minn tali ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku. Għaldaqstant, il-prodotti u s-servizzi koperti b'dawn il-ftehimiet u l-arranġamenti jistgħu jiġu kkummerċjalizzati liberament mill-pajjiżi kkonċernati.

Meta l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u pajjiż mhux tal-UE tkun diretta lejn ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati, jiġi ffirmat ftehim bilaterali dwar is-sikurezza tal-avjazzjoni. S'issa, l-UE kkonkludiet tali ftehimiet mal-Istati Uniti, mal-Kanada, mal-Brażil, maċ-Ċina u mal-Ġappun. F'Ottubru 2021, l-UE ffirmat ftehim dwar l-avjazzjoni mal-Ukrajna biex tippromwovi standards għoljin f'oqsma bħas-sikurezza tal-avjazzjoni, is-sigurtà u l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru.

Fit-22 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni pproponiet aġġornament għall-inizjattiva Ajru Uniku Ewropew, li ġiet adottata mill-Kunsill u mill-Parlament fil-ħarifa tal-2024 bħala r-Regolament tal-Ajru Uniku Ewropew.

Fid-29 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat strateġija dwar id-droni li tistabbilixxi viżjoni u pjan għat-tkabbir futur tas-suq Ewropew tad-droni. Din tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ jew droni u tibni fuq il-qafas tas-sikurezza tal-UE. Il-pjan il-ġdid jiddeskrivi kif l-Ewropa tista' tespandi l-operazzjonijiet kummerċjali tad-droni filwaqt li toffri opportunitajiet ġodda għas-settur tad-droni.

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament appoġġja b'mod attiv l-istabbiliment ta' sistema robusta Ewropea ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili, b'enfasi qawwija fuq l-effettività tal-EASA u d-dritt għall-informazzjoni tal-passiġġieri tal-ajru.

Il-Parlament konsistentement qies id-Direttiva SAFA bħala mezz biex il-linji tal-ajru jinżammu responsabbli billi jiżvelaw pubblikament każijiet fejn naqsu milli jissodisfaw l-istandards internazzjonali tas-sikurezza. Il-Parlament emmen ukoll li l-Kummissjoni għandu jkollha l-awtorità li tagħmel il-miżuri, li jkunu imposti minn Stat Membru wieħed wara spezzjoni SAFA, applikabbli fl-UE kollha kemm hi. Dawn il-pożizzjonijiet wittew it-triq għall-istabbiliment tal-lista s-sewda. Il-Parlament għamel obbligatorja l-pubblikazzjoni tal-lista s-sewda u stipula li l-passiġġieri huma intitolati għal rimborż jew rotta alternattiva fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira b'riżultat tat-tqegħid ta' kumpanija tal-ajru f'dik il-lista.

Mill-bidu nett, il-Parlament talab li l-EASA tkun indipendenti fi kwistjonijiet tekniċi u jkollha responsabbiltajiet usa', li finalment ingħataw fl-2008. Il-Parlament ta s-setgħa lill-EASA b'setgħat effettivi ta' infurzar u deterrenti billi awtorizzaha timponi penali finanzjarji proporzjonali għall-ksur. Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu regolarment jistieden lir-rappreżentanti tal-EASA għal skambju ta' fehmiet dwar suġġetti tas-sikurezza tal-ajru. Dawn jinkludu r-rabtiet bejn is-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili u diversi fatturi soċjoekonomiċi, ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati u l-kooperazzjoni mal-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni tal-Istati Uniti, l-integrazzjoni ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ fl-ispazju tal-ajru tal-UE, u l-effetti tal-pandemiji globali u tal-kunflitti militari fuq is-sikurezza tal-ajru fl-Ewropa.

Fl-2016, il-Parlament laqa' wkoll il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi rieżaminat ir-Regolament Bażiku tal-EASA tal-2008, bl-għan li jinkisbu l-ogħla livelli ta' sikurezza fl-avjazzjoni. Il-Parlament enfasizza l-ħtieġa ta' dispożizzjonijiet biex jiġi ffaċilitat l-adattament tal-EASA għall-iżviluppi ġodda tal-avjazzjoni bħaż-żieda fit-traffiku tal-ajru, l-użu mifrux tad-droni, l-emerġenza ta' żoni ta' kunflitt fuq l-għatba tal-Ewropa u ż-żieda fil-kumplessità teknoloġika fis-settur tal-avjazzjoni. Fl-2017, huwa stieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jgħammru lill-EASA b'riżorsi u persunal suffiċjenti biex jinżammu l-istandards għoljin ta' sikurezza u tissaħħaħ l-influwenza internazzjonali tagħha. Il-ħidma estensiva mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament għenet fit-tiswir tar-Regolament Bażiku l-ġdid tal-EASA, li ġie adottat fl-2018.

Kontributi ewlenin oħra tal-Parlament Ewropew f'dan il-qasam jinkludu:

— riżoluzzjoni dwar l-użu sikur ta' sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili (id-29 ta' Ottubru 2015);

— riżoluzzjoni dwar Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa (is-16 ta' Frar 2017).

Din l-iskeda informattiva hija mħejjija mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew dwar it-Trasport, l-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali. Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, żur is-sit web tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu.

Maja STRNAD MESKO
03/2026